Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9640 — BCP/CD&R Fund X/BrandSafway)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 4/06)

1. Fl-20 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BCP Acquisitions LLC ("BCP", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— CD&R Fund X (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Brand Industrial Holdings, Inc. ("BrandSafway", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn,

— CDR Bullseye Holdings L.P. ("CDR Bullseye", l-Istati Uniti tal-Amerka).

BCP u CD&R Fund X jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' BrandSafway kollha.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:

— għal BCP: kumpanija b'responsabbiltà limitata kkontrollata minn Brookfield Assets Management Inc., maniġer tal-assi globali,

— għal CD&R Fund X: fond tal-fond ta' investiment ta' ekwità privata ta' Clayton, Dubilier & Rice.

— għal BrandSafway: kuntrattur kummerċjali li jipprovdi servizzi speċjalizzati lil klijenti industrijali, kummerċjali u infrastrutturali u jopera fuq tliet unitajiet tan-negozju: soluzzjonijiet ta' scaffolding u ta' aċċess, servizzi industrijali ta' speċjalità, u tiswir u tisħiħ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

M.9640 — BCP/CD&R Fund X/BrandSafway

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Jekk jogħġbok uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:
European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË